# IKKONFERMATI 2 KAZIJIET OHRA TAL-INFLUWENZA A H1N1 (V)

Wara li dalgħodu tħabbar li kienu qed jiġu investigati 13-il każ dwar il-possibilita tal-influwenza A H1N1 (v), id-dipartiment tas-saħħa għadu kemm ħabbar li r-riżultati ikkonfermaw 2 każi oħra ta' dan it-tip ta' influwenza.

Dan ifisser, li n-numru ta' persuni li huma konfermati li għandhom l-influwenza A H1N1 (v) f'pajjiżna issa huma 4.

Dawn huma lkoll Maltin, u li lkoll jiffurmaw parti mill-grupp ta' li kienu fuq btala fi Spanja flimkien. Huma kienu parti minn grupp ta' 24 persuna li siefru flimkien u ġew lura Malta nhar it-Tlieta 30 ta' Ġunju.

Id-dettalji tal-każijiet qed jiġu mogħdijja lill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa sabiex isir aktar stħarriġ. Din hi proċedura internazzjonali fi sforz biex tinġabar kemm jista jkun informazzjoni dwar din l-Influwenza.

**DOI - 02.07.2009**